# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. DR DAVID SCICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 15 ta' Marzu 2002**

**Numru**

**Citaz. numru 242/93 DS**

Fl-atti tal-kawza:

Citaz. Nru. 242/93

Anthony Scerri, Milvia mart Victor Micallef, Jessie mart Joseph Bonnici, Olympia mart Joseph Micallef, Odilia mart Mario Cremona, u l-istess zwieghom ghal kull interess li jista' jkollhom, Norma mart john Baldacchino li qed tidher f'isimha proprio u bhala mandatarja specjali ta' l-imsifrin Dolores mart Arnold Strutter u ta' l-istess Arnold, Roger u Sandro Satariano, Simon Satariano, Diane mart Arthur Saliba u Josette mart Julian Tonna u l-istess zwieghom ghal kull interess li jista' jkollhom u bhala mministratturi, ilkoll tal-beni parafernali ta' marthom rispettivament
vs
Maurice Dimech

Illum, 15 ta' Marzu 2002

Il-Qorti,

Rat ir-rikors ta' l-atturi pprezentat fit-2 ta' Ottubru 2000 fejn wara li ppremettew:

Illi din il-kawza giet deciza fil-31 ta' Mejju 1999 u in vista li ma sar ebda appell minnha din ghaddiet in gudikat.

Illi l-konvenut naqas milli jonora it-termini tas-sentenza u ghalhekk l-atturi jistghu jintraprendu x-xogholijiet huma a spejjez tal-konvenut – kollox a tenur tal-imsemmija sentenza.

Illi meta l-atturi avvicinaw lill-perit Frederick Doublet, il-perit imqabbad mill-Qorti, biex jissorvelja x-xoghol, skond ma gie wkoll ordnat mill-istess Qorti, u l-atturi ppruvaw jaraw x'jista jsir biex jidhlu fil-post u jibdew ix-xogholijiet huma sabu li ma jistghux jidhlu fil-parti tal-propjeta' taghhom jekk mhux wara li jkollhom access minghand il-konvenut – u dan l-access mhux qieghed jigi moghti.

Illi inoltre meta sar access fis-17 ta' Frar 2000, flimkien mal-imsemmi perit tekniku mahtur mill-Qorti, il-konvenut issolleva punt ta' kontestazzjoni dwar kif ghandu jinghata il-waterproofing ordnat bl-effetti tal-istess sentenza – liema objezzjoni giet verbalizzata mill-perit tekniku Frederick Doublet – kopja ta' liema verbal qieghed jigi anness mal-presenti rikors. Ghal din l-objezjoni tal-konvenut il-perit tekniku gia ta d-direttivi tieghu li jinsabu wkoll iskritti fl-istess verbal tas-seduta tas-7 ta' Frar 2000. Kemm l-atturi kif ukoll il-perit tekniku jixtiequ li ikollhom direzzjoni mill-Qorti sabiex ix-xoghol isir sewwa, ai termini tal-istess sentenza u skond ma titlob is-sengha u l-arti.

talbu li din il-Qorti joghgobha taghti dawk id-direttivi kollha necessarji u opportuni sabiex l-istess sentenza tista' tigi onorata u attwata fit-totalita` taghha u dan taht dawk il-provvedimenti kollha li din il-Qorti joghgobha timponi fic-cirkostanzi;

Rat ir-risposta tal-konvenut intimat fejn qal:

Illi fl-ewwel lok l-esponent ma jistax jifhem xi jridu jfissru l-atturi bl-allegazzjoni taghhom li "*ma jistghux jidhlu fil-parti tal-propjeta' taghhom*". L-atturi ghandhom access liberu ghall-partijiet li huma propjeta' taghhom u mhux minnu li l-esponent qed jostakolalhom xi access ghal hwejjighom.

Illi rigward il-*waterproofing*, l-esponent kien irregistra l-preokkupazzjoni tieghu ghall-fatt li jekk isir dan ix-xoghol biss, huwa ser ikollu problema ghaliex l-ilma tax-xita ma kienx ser jiskula ghal isfel u bhala rimedju l-perit Doublet ta parir li jsir kontrabejt.

Illi r-reazzjoni tal-esponent ghal dan il-parir kien fis-sens li t-tqeghid ta' kontrabejt kien ifisser li l-parti mill-fond tieghu kien ser joghla b'xi disa' pulzieri li effittivament kien ifisser li kien ser ikollu jzid zewg targiet mat-tarag ezistenti li jwassal ghall-fond tieghu.

Illi b'danakollu, l-esponent kien lest li jasal ghall-kompromess ma' l-atturi u fil-fatt fit-30 ta' Awissu 2000, l-avukat sottoskritt baghat fax lill-avukat Dr. Joseph Schembri (Dok H) li fiha ghamel proposta ta' transazzjoni, liema proposta sal-lum ma attirat ebda reazjoni min-naha taghhom.

Rat l-atti l-ohra tar-rikors u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat illi:-

Jidher li l-oggezzjoni principali mqajma mill-intimat tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-kelma *waterproofing* fis-sentenza citata peress li skond il-perit tekniku l-A.I.C. Frederick Doublet ma jistax isir *waterproofing* minghajr ma jinghata kontrabejt u jekk jinghata dan il-kontrabejt l-intimat qieghed ighid li l-fond tieghu se joghla b'xi disa' pulzieri u jkollu jzid zewg targiet mat-tarag ezistenti. Fil-verbal ta' l-access mizmum fis-7 ta' Frar 2000, jirrizulta li Dr. Paul Borg Olivier ghall-konvenut qal li s-sentenza relattiva fl-ebda mod ma ndikat illi biex il-*waterproofing* isir ghandu jsir il-kontrabejt fl-arja tal-konvenut u li dan il-fattur lanqas ma johrog mir-rapport peritali.

Fix-xiehda tieghu moghtija fl-1 ta' Gunju 2001 il-perit tekniku qal li fir-rapport li kien ghamel kien semma kif ghandu jsir il-*waterproofing* u li dan kien jinkludi *screed*, jigifieri kontrabejt, ghall-qlib.

Effettivament fis-sentenza moghtija fil-31 ta' Mejju 1999 il-Qorti taghmel riferenza ghall-paragrafi relevanti tar-rapport peritali meta tghid:

> "Huwa ddeskriva kif dan il-*waterproofing* kellu jsir (paragrafu 9.18 sa paragrafu 10.13 tar-rapport) u finalment ikkonkluda illi:"

u s-sentenza tirriproduci mbaghad il-konkluzjonijiet fil-hdax il-paragrafu tar-rapport peritali.

Il-Qorti ezaminat ir-rapport peritali anness ma' l-atti tal-kawza u f'dawk il-paragrafi l-perit tekniku jispjega l-process kollu ta' *waterproofing* li jrid isir. Ighid testwalment hekk:

"9.18 Illi inkwantu ghall-waterproofing, jekk wiehed jezamina d-distanzi u l-qlib necessarju minn hdejn ix-xaft fuq wara/lemin jirrizulta ghall-parti ta' quddiem tal-bejt;

(i) assunt li l-kontrabejt jinbena 2'' ohxon, u dan fir-rokna wara/lemin max-xaft/hajt divizorju. F'din il-pozizzjoni s-saqaf baqa l-hxuna li kien qabel u ma telghax 'l fuq, anzi setgha tnizzel l-isfel nofs pulzier (1/2").

(ii) Bi qlib ta' pulzier u kwart (1 ¼") kull ghaxar piedi, in-naha opposta (xellug) tal-wicc tal-kontrabejt toghla (20.583*1.25/10 = 2.57), nghidu ahna zewg pulzieri u nofs (2 1/2"), li jigi gholi fuq il-livell tal-wicc tal-konkos originali ta' (2" + 2 ½"). Erba pulzieri u nofs (4 ½").

(iii) Bl-istess rata ta' qlib mill-punt f'[(ii)] sar-rokna xellug/quddiem tal-bejt, il-kontrabejt ikompli jitla (33.5*1.25/10 = 4.19"), nghidu ahna erba' pulzieri (4") li jigi gholi fuq il-livell tal-wicc tal-konkos originali ta' (4" + 4 1/2), tmien pulzieri u nofs (8 ½").

9.19. Illi dan ta' bilfors li huwa hafna ghola mill-madum fl-ewwel sular li huwa imqieghed bl-inqas ammont ta' materjal possibli bejnu u l-konkos, konsonanti mal-esigenzi ta' nvellar matul is-sular.

10.0 Specifikazzjoni ghal "waterproofing". Illi la darba l-partijiet ma setghux jaqblu dwar xi kwalita' u l-metodu ta' "waterproofing" ghandu jsir, l-esponent qed jaghmel din l-ispecifikazzjoni dwar dak li jidhirlu hu li ghandu jsir f'dan il-kaz.

10.1 Illi inkwantu ghall-bitha ta' wara ghandu jitqieghed "hot laid bitumen" fuq il-konkos, liema bitumen jibda diehel taht il-hitan li jmissu mal-bitha u jaqbizhom b'sitt pulzieri (6"), jekk dawn ghandhom ma sarux. Meta jsiru/jekk saru z-zebgha bil-qatran ghandha tittellgha mal-hitan tad-dawra (mkahhlin) kollha li tasal tliet pulzieri (3") 'l fuq minn wicc il-kontrabejt.

10.2 Illi ghandu jitqieghed ramel fil-postijiet il-baxxi u xahx fil-kumplament sabiex isir il-qlib that il-kontrabejt. Ix-xahx/ramel ghandu jigi mxarrab u kkumpattjat.

10.3 Illi ghandu jinghata kontrabejt ohxon tliet pulzieri (3”) tahlita 4:2:1 fuq ix-xahx. Dan is-saff ghandu jigi mballat u mxekkek sew bir-regla u spiccut lixx bil-putrax (tahlita 1:1 ramel u siment) bil-flawt dakinhar stess li jinghata l-konkos, meta l-konkos isir li tista timxi fuqu (green).

10.4 Illi l-ghada ghandu jigi maqdum il-wicc tal-kontrabejt bic-cajser, ghal find ta’ pulzier u kwart (1 ¼”) u wisgha ta’ kwar (zewg diski ma xulxin). Dan il-qsim ghandu jkun b’mod li jifforma qatghet kwadri kemm jista’ jkun b’dimenzjonijiet massimi ta’ cirka ghaxar piedi (10’0”).

10.5 Ili l-wicc tal-kontrabejt ghandu jinzamm niedi l-hin kollu ghall-ewwel tmint ijiem.

10.6 Illi wara mill-anqas erba (4) gimghat, u meta l-konkos ikun niexef u l0-fili ikunu xotti jew jigu xxuttati u mnaddfa permezz tal-kompressur, ghandu jinghata l-primer addattat u l-fili jimtlew b’ “silicone mastic” bhal “Sikaflex” jew simili.

10.7 Illi fejn imiss il-kontrabejt mal-hitan ghandu jigi ffurmat zgoxx ta’ kwart ta’ cirku ta’ dijametru ta’ tlett pulzieri (3”).

10.8 Illi mbaghad ghal wisgha orizzontali ta’ cirka erba pulzieri (4”) u gholi (turn-ups) ta’ erba pulzieri (4”) wkoll, jew issir xi zebgha bhal berger Waterproofing Paint, jew issir “membrane waterproofing” imwahhal fuq primatura tal-qatran bil-fjamma tal-gass mad-dawra tal-art mal-hitan u b’attenzjoni partikolari madwar katusi.

10.9 Illi inkwantu ghall-bitha interna, l-ewwel ghandu jsir zrar/ramel u kisja fuqu sal-gholi minimu ta’ xi nofs pulzier aktar mill-livell tal-konkos l-gholi sabiex timtela d-dipressjoni fil-wicc tas-saqaf tal-konkos.

10.10 Illi mbaghad ghandu jigi applikat il-“hot laid bitumen layer” kif spjegat qabel.

10.11 Illi mbaghad ghandu jitqieghed saff ramel ¾” ohxon fuq il-qatran, li fuqu jitqieghdu blokki tas-singlu tad-disgha (9”) tal-haffief, mqieghdin fuq genbhom, sabiex jghollu l-livell kif ikun hemm bzonn.

10.12 Illi l-fili ta’ fuq ta’ dawn il-blokki ghandhom jigu mkahhlin u jsir il-kontrabejt bil-qlib ghall-katusa relattiva, u jkompli x-xoghol kif spjegat fuq.

10.13 Illi naturalment fejn hemm bzonn isir xi “inspection chamber” ghandhom jittiehdu prekawzjonijiet ahjar, bhal “tanking” tal-“membrane waterproofin” ta’ certa hxuna (per ezempju 5mm).

Fis-sentenza taghha tal-31 ta’ Mejju 1999 il-Qorti ma eskludiet xejn minn dan il-process u l-Qorti kif issa presjeduta m’ghandha l-ebda dubju li meta nghatat dik is-sentenza l-Qorti kif dakinhar presjeduta, fir-riferenzi taghha ghal *waterproofing* kienet qed tifhem u tirreferi ghall-process shih spjegat mill-perit tekniku.

Ghaldaqstant tiddeciedi billi tordna li, a tenur ta’ l-istess sentenza, isir ix-xoghol kollu mehtieg kif ordnat bl-imsemmija sentenza taht is-supervizjoni ta’ l-A.I.C. Frederick Doublet, liema xoghol irid jikkonsisti fil-process kollu kif spjegat fir-relazzjoni peritali fil-paragrafi hawn citati u kif anke elenkati fil-verbal ta’ l-access mizmum mill-imsemmi perit tekniku fis-7 ta’ Frar 2000 u anness ma’ dawn l-atti (a fol. 2 sa 4). Bl-ispejjez ta’ dawn il-proceduri ghall-konvenut intimat.

**ONOR. IMHALLEF**
**DR. DAVID SCICLUNA** **D/REGISTRATUR**